## Messaġġ mis-Sindku

Matul din is-Sena 2011, il-Kunsill reġa ħadem bis-sħiħ biex ikompli jtejjeb dawk is-servizzi u responsabilitajiet li jingħataw lir-residenti fil-lokalita' tas-Swieqi komplew wkoll dawk is-servizzi li jingħataw direttament minn ġew l-uffiċju amministrattiv tal-Kunsill.

Bħal kull Sena, din is-Sena wkoll, il-Kunsill ħadem fuq pjan ta ħidma li matul 2011 ried jigi mwettaq, naturalment skont il-finanzi li jiġu disponnibli lilu minn naħa tal-Gvern Centrali. L-għan tal-Kunsill dejjem kien li jtejjeb dak li jkun diġa sar fis-snin preċedenti kif ukoll li nieħdu inizjattivi ġodda u naffaċjaw rwieħna ma' kull sfida li nsibu rwieħna magħha biex bħala Kunsilliera inkunu qeghdin nwettqu dawk ir-responsabiltajiet mogħtija lilna mill-Gvern Ċentrali

# Rapport Amministrattiv

Immanigjar tat-Traffiku (*Resident Parking Scheme)*

Dan il-Kunsill dejjem ħass il-ħtieġa li b'xi mod jew ieħor irid jindirizza l-problema tal-parking ġewwa l-lokalita' tiegħu l-aktar f' dawk it-toroq fin-naħa ta' isfel tas-Swieqi. Mall-medda taż-żmien din il-problema kompliet tikber u għalhekk dan il-kunsill kien beda' jaħdem fuq sistema tar-"Resident Parking" kif ukoll jagħmel pressjoni mall-Gvern Ċentrali għal sistema ta' Park & Ride. Għal dawn l-aħħar sentejn l-iskema tar-Resident Parking kienet miżmuma minħabba sentenza pendenti mill-Qorti kostutizzjonali. Ġejna infurmati li Transport Malta ser jerġgħu jibdew jikkonsidraw applikazzjonijiet għal din l-iskema. Għaldaqstant il-Kunsill ser jibda jaħdem bis-sħiħ biex jiddentifika dawk it-toroq fil-qrib ta' Paceville li fihom ir-residenti jkollhom l-aktar problemi. B' riżultat ta' pressjoni mill-Kunsill is-sistema ta' Park & ride bdiet taħdem. Ir-riżultat għad mhuhiex kif kien mistenni pero' b' aktar pressjoni min-naħa tagħna u b' rieda tajba mit-Transport Malta dan is-servizz diġa tranġa għalkemm għad fadal x' jiġi implimentat.

Il-Kunsill baqa' għaddej bil-manutenzjoni tas-sinjali tat-traffiku kemm dawk ta' l-art kif ukoll ta' tabelli ġodda tat-toroq.

## Xogħlijiet Infrastrutturali

Il-Kunsill kompla jieħu ħsieb il-manutenzzjoni tal-bankini u t-toroq gewwa l-lokalita'. Saru diversi manutenzjonjiet u anki bankini ġodda. Sar ukoll *patching* fit-toroq fejn meħtieġ. Ix-xoghlijiet ta' bankini saru mill-Ministeru tar-Rizorsu Umani. Il-patching fit-toroq sar mill-ħaddiema assenjati mall-Kunsill mill-IPSL u l-ETC. Sar ukoll it-tindif regulari tal-culverts tal-ilma.

Il-kunsill kompla jieħu ħsieb il-manutenzjoni tad-dawl fit-toroq. Kien hemm il-bzonn li jigi mibdul id-dawl ta' fuq il-*brackets* biex saru oħrajn aktar addattati. Saru wkoll diversi installazzjonijiet ġodda.

## Ambjent

Rigward ambent il-kunsill baqa' għaddej bix-xogħlijiet tat-tlett ġonna ġewwa l-lokalita'. Dawn ix-xogħlijiet saru mill-gardinar b'kuntratt mall-Kumpanija ELC Ltd. Ix-xogħlijiet ta' zebgħa ta' bankijiet u bandli f' dawn il-ġonna saru mill- ħaddiema ta' l- IPSL.

Il-Kunsill b' arranġament li jsir full Sena mall-Ministeru ta' l-infrastruttura naddaf ukoll -żewġ widien fil-lokalita' Wied Mejxu u Wied Għomor.

## Żbir tas-sigar.

Din is-senaukoll il-kunsill wettaw xogħlijiet ta' żbir ta' siġar ġewwa l-lokalita'. L-ewwel xogħlijiet saru fil-ġnien ta' Santa Andrija. L-istess xogħlijiet saru ukoll fil-ġnien F. X. Ebejer. Iż-żbir ta' siġar huwa parti mill-Kuntratt li l-Kunsill għandu mall-Kumpanija ELC Ltd. Fi Ġnien Sant'Andrija fi Triq il-Ħemel saru xogħljiet ta' fencing madwar il-ħamrija. Dan sar sabiex iżomm tfal żgħir milli jidħlu jilgħabu fil-ħamrija li tista tkun ta' detriment għas-saħħa tagħhom.

## Tibdiel ta' tabelli tat-Toroq

Wasal iż-żmien biex isiru tabelli ġodda ta' l-ismijiet tat-toroq. Il-kunsill diġa beda jaħdem fuq dan il-proġett u fil- jiem li ġejjin it-tabelli qodma ser jinbidlu ma oħrajn isbaħ u aktar visibli.

## Sigurta'

Il-Kunsill għadu qed jagħmel laqgħat regulari mas-Supretendent u l-Ispettur tal- Pulizija tad-Distrett kif ukoll mad-diviżjonijiet oħra fosthom tal-vizzji u ALE. Rigward il-problema tal-prostituti u l-vizzju tad-droga l-kunsill dejjem ħadem id f' id mall-pulizija biex kemm jistgħu jkun jegħleb jew almenu irażżan din il-problema fil-lokalita' tagħna.

Saru diversi laqgħat ma' l-Awtoritajiet ikkonċernati u anki ma' diversi diretturi minn skejjel differenti "Feltom" dwar il-problemi li qed joħolqu l-istudenti li qed jitgħallmu l-Ingliz u li qed joqgħodu fil-lokalita' tagħna. F' riżultat ta' dawn il-laqgħat qed isiru rondi mill-Pulizija jibdew minn-nofs il-lejl tas-sitta ta' filgħodu. Għalkemm din l-inizjattiva ħalliet riżultati possittivi, wieħed irid jifhem li hemm il-bżonn ta' aktar xogħol kemm mill-Pulizija, mill-iskejjel kif ukoll mill-familji li qed jospitawhom.

## Ħidma Soċjali

Din is-sena ġew organizżati seba' ħarġiet għall-anzjani fosthom żjara f' Għawdex fis-Santwarju ta' Pinu, fis-Santwarju tal-Mellieħa kif ukoll zjara lill-Vari tal-Gimgħa l-Kbira f'Haz- Zebbuġ. Ser ssir ukoll l-ikla tal- Milied. L-attendenza f' dawn il-ħarġiet dejjem qed tiżdied.

## Attivitajiet Edukattivi

Komplew isiru l-lezzjonijet tal-Bizzilla għall-adulti . Dawn saru fil-gnien ta'Triq il-Ħemel.
Saru ukoll lezzjonijiet tal-Computers u keep fit ghal kull eta.
Fil-preżent qed issir kors tar- Resque Group, kif ukoll attivitajiet mill-Girl Guides.
Din is- sena wkoll saret l- attivita' Skola Sajf.
Il-Kunsill iwiegħed li jobbliga ruħu li jagħmel dak kollu għal għejxien aħjar tar- residenti kif ukoll fil-progetti u tisbiħ fil-lokalita.

## Amministrazzjoni

Nieħu din l-opportunita biex nirringrazzja lill-Kunsilliera Kollegi għall-impenn li huma taw lill-Kunsill.

L-attendenza tagħhom fil-laqgħat kienet regolari. Sa issa matul din is-Sena saru 9 laqgħat.

Nirrigrazzjak ukoll lill-impjegati tal-Kunsill fosthom is-Segretarju Eżekuttiv għall-impenn u l-inizzjattiva tagħhom matul is-Sena.

**Carmen Said**
**Sindku**